


# L-ARMONIZZAZZJONI TAN-NUMERAZZJONI TAL-ATTI LEGALI TAL-UE

Mill-1 ta' Jannar 2015, in-numerazzjoni tal-atti legali tal-UE se tinbidel. Ġie stabbilit metodu ġdid għall-attribwizzjoni tan-numri lid-dokumenti ppubblikati fis-serje L (Leġiżlazzjoni) ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU). Skont dan il-metodu l-ġdid, li jarmonizza u jissemplifika l-prattiki preċedenti diverġenti, l-atti legali tal-UE se jkollhom numri uniċi u sekwenzjali. Dan se jiffaċilita l-aċċess għal-liġi tal-UE u se jkun aktar faċli li wieħed jidentifika u jirreferi għal atti legali.

Dokumenti ppubblikati fis-serje L tal-ĠU mill-1 ta' Jannar 2015 se jkunu nnumerati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea bil-mod standardizzat li ġej:



L-eżempji kollha huma bbażati fuq dejta fittizja u użati għal skopijiet illustrattivi biss.

## Eżempji

Ir-Regolament **(UE) 2015/1** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ...

Ir-Regolament **(UE) 2015/2** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ...

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill **(UE) 2015/3** ...

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill **(PESK) 2015/4** ...

Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni **(UE) 2015/5** ...

Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni **(UE) 2015/6** ...

Id-Deċiżjoni **(UE) 2015/7** tal-Parlament Ewropew ...

Id-Deċiżjoni **(UE, Euratom) 2015/8** tal-Parlament Ewropew ...



In-numerazzjoni u r-riferenzjar ta' dokumenti ppubblikati qabel l-1 ta' Jannar 2015 jew f'serje għajr is-serje L tal-ĠU ma jinbidlux.

L-uniku element affettwat mill-bidla huwa n-numru attribwit mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet; elementi oħra fit-titolu se jibqgħu l-istess.

In-Numri CELEX (identifikaturi ta' dokumenti użati fid-database EUR-Lex) se jkomplu jiġu komposti bl-istess mod, ibbażati fuq il-komponenti attribwiti mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet. Għal aktar informazzjoni dwar in-numri CELEX, ara <http://eur-lex.europa.eu/content/help/faq/intro.html?locale=mt>.

## Każijiet speċjali

1. In-numerazzjoni l-ġdida ma għandhiex tapplika għal ċerti dokumenti bħal:

- ftehimiet internazzjonali u informazzjoni dwar id-data tad-dħul fis-seħħ tagħhom;
- rettifiki.

Dawn id-dokumenti jibqgħu mhux innumerati.

2. Id-dokumenti li ġejjin ser ikollhom żewġ numri — numru assenjat mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet fil-mument tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-ĠU u numru assenjat minn qabel mill-awtur:

- Atti u strumenti legali tal-BĊE, pereżempju:  
Id-Deċiżjoni **(UE) 2015/33** tal-Bank Ċentrali Ewropew... (BĊE/2015/1)
- Id-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà, pereżempju:  
Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà **(PESK) 2015/258...** (EUBAM Libya/1/2015)

In-numru assenjat mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għad-dokumenti li ġejjin mhux se jkun fih l-element tal-qasam u dan se jibda jidher fl-aħħar tat-titolu f'parentesi kwadri:

- atti adottati minn korpi stabbiliti skont ftehimiet internazzjonali, pereżempju:  
Id-Deċiżjoni Nru 2/2015 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE ... **[2015/45]**
- atti adottati fil-qafas taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), pereżempju:  
Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 58/2015 ... **[2015/100]**
- atti adottati fil-qafas tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA), pereżempju:  
Id-Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 02/10/COL ... **[2015/101]**
- Ir-regolamenti tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (UN/ECE), pereżempju:  
Ir-Regolament Nru 28 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) ... **[2015/46]**

Għal kull mistoqsija dwar in-numerazzjoni ta' atti legali tal-UE, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-helpdesk tal-EUR-Lex f' <http://eur-lex.europa.eu/contact.html>.

